



---

TESTI ADOTTATI

---

**P8\_TA(2015)0407**

**Proċedura baġitarja 2016: test konġunt**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-abbozz konġunt ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fil-qafas tal-proċedura baġitarja (14195/2015 – C8-0353/2015 – 2015/2132(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-test konġunt approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u d-dikjarazzjonijiet rilevanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (14195/2015 – C8-0353/2015),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottat mill-Kummissjoni fl-24 ta' Ġunju 2015 (COM(2015)0300),
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2015 u mibgħuta lill-Parlament fis-17 ta' Settembru 2015 (11706/2015 – C8-0274/2015),
- wara li kkunsidra l-Ittri Emendatorji Nri 1/2016 (COM(2015)0317) u 2/2016 (COM(2015)0513) għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016<sup>1</sup> u l-emendi baġitarji li tinkludi,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej<sup>2</sup>,

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2015)0376.

<sup>2</sup> ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 90 u l-Artikolu 91 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tad-delegazzjoni tiegħu għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni (A8-0333/2015),
1. Japprova t-test konġunt miftiehem mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, li jikkonsisti fid-dokumenti li ġejjin meħudin flimkien:
    - lista ta' linji baġitarji mhux modifikati, meta mqabbla mal-abbozz tal-baġit jew il-pożizzjoni tal-Kunsill;
    - sommarju ta' figuri skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju;
    - figuri linja b'linja tal-partiti baġitarji kollha;
    - dokument konsolidat li juri l-figuri u t-test finali tal-linji kollha modifikati matul il-konċiljazzjoni;
  2. Jikkonferma d-dikjarazzjonijiet konġunti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jikkonferma id-dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 ġie adottat b'mod definittiv u biex jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
  5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni leġislattiva lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati, kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>3</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

## **ANNEX**

### **FINALI 14.11.2015** **Baġit 2016 – Konklużjonijiet konġunti**

Dawn il-konklużjonijiet konġunti jkopru t-taqsimiet li ġejjin:

1. Baġit 2016
2. Baġit 2015 – Baġit Emendatorju 8/2015
3. Dikjarazzjonijiet konġunti

#### **DESKRIZZJONI FIL-QOSOR**

##### **A. Baġit 2016**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

- Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-baġit tal-2016 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 155 004.2 miljun. B'mod ġenerali, dan iħalli marġini taħt il-limiti massimi tal-QFP għall-2016 ta' EUR 2 331.4 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn;
- Il-livell globali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2016 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 143 885.3 miljun.
- L-Istrument ta' Flessibilità għall-2016 hu mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 1 506 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 3 (Sigurtà u Ċittadinanza) u l-ammont ta' EUR 24,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-intestatura 4 (Ewropa Globali).
- L-approprjazzjonijiet ta' pagament għall-2016 relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-2014, l-2015 u l-2016 huma stmati mill-Kummissjoni li huma ta' madwar EUR 832,8 miljun.

##### **B. Baġit 2015**

Skont l-elementi għall-konklużjonijiet konġunti:

- L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 8/2015 huwa aċċettat kif propost mill-Kummissjoni

## **1. Baġit 2016**

### **1.1. Linji “magħluqa”**

Sakemm ma jingħadx mod ieħor hawn isfel f'dawn il-konklużjonijiet, il-linji baġitarji kollha li ma ġew emendati la mill-Kunsill u lanqas mill-Parlament, u dawk li għalihom il-Parlament aċċetta l-emendi tal-Kunsill matul il-qari rispettiv tagħhom, huma kkonfermati.

Għall-partiti baġitarji l-oħrajn, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ftiehem fuq il-konklużjonijiet inklużi fis-sezzjonijiet 1.2 għal 1.6 li jidhru hawn taħt.

### **1.2. Kwistjonijiet orizzontali**

#### **Aġenziji deċentralizzati**

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u l-għadd ta' karigi għall-aġenziji deċentralizzati kollha huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati mill-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016, b'dawn l-aġġustamenti maqbulin mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

- Żieda tal-karigi fl-organigramma (iffinanzjati mit-tariffi) għall-*Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi* (ECHA Bijoċidi, + 3 karigi) u tnaqqis tal-appropriazzjonijiet b'EUR 1 350 000;
- Żieda tal-karigi fl-organigramma (iffinanzjati mit-tariffi) għall-*Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni* (EASA, + 6 karigi);
- Żieda tal-karigi fl-organigramma (iffinanzjati mit-tariffi) għall-*Aġenzija Ewropea għall-Mediċini* (EMA, + 3 karigi);
- Żieda tal-karigi fl-organigramma u l-appropriazzjonijiet relatati għall-*Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija* (ACER, + 5 karigi u + EUR 325 000);
- Żieda tal-karigi fl-organigramma u l-appropriazzjonijiet relatati għall-*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali* (FRA, + 2 karigi u + EUR 130 000);
- Żieda tal-karigi fl-organigramma u l-appropriazzjonijiet relatati għal *Eurojust* (+ 2 karigi u + EUR 130 000);
- Żieda fl-appropriazzjonijiet għall-*Awtorità Bankarja Ewropea* (EBA, + EUR 130 000);
- Tnaqqis fl-appropriazzjonijiet għall-*Aġenzija għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja* (eu.LISA, - EUR 260 000);

#### **Aġenziji eżekuttivi**

Il-kontribuzzjoni tal-UE (f'approprjazzjonijiet ta' impenn u f'approprjazzjonijiet ta' pagament) u l-għadd ta' karigi għall-aġenziji eżekuttivi huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati mill-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016.

#### **Proġetti Pilota/Azzjonijiet Preparatorji**

Ġie miftiehem pakkett globali ta' 89 proġett pilota/azzjoni preparatorja (PP/PA), għal ammont ta' EUR 64.9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn, kif propost mill-Parlament.

Meta proġett pilota jew azzjoni preparatorja tidher li hi koperta b'bażi ġuridika eżistenti, il-Kummissjoni tista' tipproponi t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet għall-bażi ġuridika korrispondenti biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-azzjoni.

Dan il-pakkett jirrispetta għalkollox il-limiti massimi għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji previsti fir-Regolament Finanzjarju.

### 1.3. Intestaturi tal-infiq tal-qafas finanzjarju – approprjazzjonijiet ta' impenn

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq dwar il-linji baġitarji “magħluqa”, l-aġenziji u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġej:

#### Intestatura 1a

L-approprjazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati permezz tal-Itri Emendatorji 1 u 2/2016, li jintegraw l-aġġustamenti li ġejjin miftiehma fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

- L-impenni għal "H2020" żdiedu hekk kif jidher:

*fEUR*

Linja baġitarja	Isem	AB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
02 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fl-ispazju	158 446 652	159 792 893	1 346 241
02 04 02 03	Żieda tal-innovazzjoni fl-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	35 643 862	35 738 414	94 552
02 04 03 01	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	74 701 325	75 016 498	315 173
05 09 03 01	Żgurar ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja u prodotti oħra b'bażi b'jo	212 854 525	214 205 269	1 350 744
06 03 03 01	Kisba ta' sistema tat- trasport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika	109 250 820	110 916 737	1 665 917
08 02 01 03	Tiżni tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi	183 108 382	183 905 321	796 939
08 02 02 01	Tmexxija fin-nanoteknoloġiji, materjali avvanzati, teknoloġija tal-lażer, bijotek- noloġija u manifatturar u proċessar avvanzati	502 450 912	504 175 361	1 724 449
08 02 02 03	Żieda fl-innovazzjoni tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs)	35 967 483	36 120 567	153 084
08 02 03 01	Titjib tas-saħħa u l-benesseri matul il-ħajja	522 476 023	524 745 272	2 269 249
08 02 03 02	Assikurazzjoni ta' provvisti suffiċjenti ta' ikel sikur, tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità għolja u prodotti b'bażi bijoloġika oħrajn	141 851 093	142 233 804	382 711
08 02 03 03	Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompe- tittiva	333 977 808	335 369 074	1 391 266
08 02 03 04	Kisba ta' sistema tat-transport Ewropea effiċjenti fir-riżorsi, tiffavorixxi l-ambjent, sikura u assjematika	330 992 583	331 555 393	562 810
08 02 03 05	Kisba ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima u provvista sostenibbli ta' materja prima	283 265 173	284 530 369	1 265 196
08 02 03 06	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklussivi, innovattivi u riflettivi	111 929 624	112 411 389	481 765
08 02 06	Xjenza mas-soċjetà u għaliha	53 267 640	53 497 266	229 626

09 04 01 01	Tisħiħ tar-riċerka fit-teknoloġiji futuri u emerġenti	213 825 023	215 400 890	1 575 867
09 04 01 02	Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka, inklużi l-infrastrutturi elettroniċi	97 173 367	97 889 261	715 894
09 04 02 01	Rwol ta' tmexxija fit-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni	718 265 330	723 681 812	5 416 482
09 04 03 01	Titjib tas-saħħa u l-benesseri matul il-ħajja	117 323 526	118 188 002	864 476
09 04 03 02	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi	36 289 820	36 564 471	274 651
09 04 03 03	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	45 457 909	45 791 092	333 183
10 02 01	Orizzont 2020 — Appoġġ xjentiku u tekniku xprunat mill-klijent lill-politiki tal-Unjoni	24 646 400	25 186 697	540 297
15 03 05	L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija - integrazzjoni tat-triangolu tal-għarfien tal-edukazzjoni ogħla, riċerka u innovazzjoni	219 788 046	224 938 881	5 150 835
18 05 03 01	Trawwim ta' soċjetajiet Ewropej sikuri	134 966 551	136 092 171	1 125 620
32 04 03 01	Twettiq tat-tranżizzjoni għal sistema enerġetika affidabbli, sostenibbli u kompetittiva	322 875 370	324 676 361	1 800 991
	<b>Total</b>			<b>31 828 018</b>

- L-impnġi għall-"COSME" ġew miżjudin hekk kif jidher:

fEUR

Linja baġitarja	Isem	AB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
02 02 01	Promozzjoni tal-intraprenditorija u titjib tal-kompetittività u l-aċċess għas-swieq għall-intrapriżi tal-Unjoni	108 375 000	110 264 720	1 889 720
02 02 02	Titjib tal-aċċess għal finanzjament għal intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fil-forma ta' ekwità u dejn	160 447 967	172 842 972	12 395 005
	<b>Total</b>			<b>14 284 725</b>

- L-impnġi għall-"ERASMUS+" ġew miżjudin hekk kif jidher:

fEUR

Linja baġitarja	Isem	DB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
15 02 01 01	Promozzjoni tal-eċċellenza u l-kooperazzjoni fil-qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ u r-relevanza tiegħu għas-suq tax-xogħol	1 451 010 600	1 457 638 273	6 627 673
	<b>Total</b>			<b>6 627 673</b>

B'konsegwenza ta' dan, u wara li jitqiesu l-aġenziji deċentralizzati u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell ta' impnġi maqbul huwa stabbilit għal EUR 19 010,0 miljun, mingħajr ebda marġini taħt il-limitu massimu tal-infiq tal-intestatura 1a u l-użu tal-Marġini Globali għall-Impnġi għal ammont ta' EUR 543 miljun.

### **Intestatura 1b**

L-approprijazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016.

Filwaqt li jitqiesu l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell ta' impnġi maqbul huwa stabbilit għal EUR 50 831,2 miljun, li jħalli marġini ta' EUR 5,8 miljun taħt il-limitu massimu tal-infiq tal-intestatura 1b.

## Intestatura 2

L-appropriazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016, b'tnaqqis ulterjuri ta' EUR 140,0 miljun minħabba d-dħul assenjat miżjud għall-EAGF u ż-żieda fil-linja baġitarja 11 06 62 01. Bħala konsegwenza ta' dan, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni wasal għal ftehim fir-rigward ta' dan li ġejj:

fEUR

Linja baġitarja	Isem	AB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
05 03 01 10	Skema ta' pagament bażiku (BPS)	16 067 000 000	15 927 000 000	-140 000 000
11 06 62 01	Konsulenza u għarfien xjentifiku	8 485 701	8 680 015	194 314
	<b>Total</b>			<b>-139 805 686</b>

Filwaqt li jitqiesu l-aġenziji deċentralizzati u l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell ta' impenji maqbul huwa stabbilit għal EUR 62 484.2 miljun, li jħalli marġini ta' EUR 1 777.8 miljun taħt il-limitu massimu tal-infiq tal-intestatura 2.

## Intestatura 3

L-appropriazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016, li jintegraw l-aġġustament miftiehem fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

fEUR

Linja baġitarja	Isem	DB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
09 05 05	Azzjonijiet ta' Multimedia	24 186 500	26 186 500	2 000 000
17 04 01	Żgurar ta' stat aħjar tas-saħħa tal-annimali u livell oġhla ta' protezzjoni tal-annimali fl-Unjoni	177 000 000	171 925 000	-5 075 000
17 04 02	Żgurar tad-detezzjoni propizja ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u l-eradikazzjoni tagħhom	14 000 000	12 000 000	-2 000 000
17 04 03	Żgurar ta' kontrolli effikaċi, effiċjenti u affidabbli	50 401 000	47 401 000	-3 000 000
17 04 04	Fond għal miżuri ta' emerġenzi b'rabta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti	20 000 000	19 000 000	-1 000 000
	<b>Total</b>			<b>-9 075 000</b>

B'konsegwenza ta' dan, u wara li jitqiesu l-aġenziji deċentralizzati, il-proġetti pilota, l-azzjonijiet preparatorji u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità għall-migrazzjoni, il-livell ta' impenji maqbul huwa stabbilit għal EUR 4 052.0 miljun, mingħajr ebda marġini taħt il-limitu massimu tal-infiq tal-intestatura 3 u l-mobilizzazzjoni ta' EUR 1 506,0 miljun permezz għall-Istrument ta' Flessibilità.

## Intestatura 4

L-appropriazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016, li jintegraw l-aġġustamenti li ġejjin miftiehma fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

fEUR

Linja baġitarja	Isem	AB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
-----------------	------	------------------------	------------	------------

13 07 01	Sostenn finanzjarju biex jithegġegħ l-iżvilupp ekonomiku tal-komunità Ċiprijotta Torqa	31 212 000	33 212 000	2 000 000
21 02 07 03	L-ivilupp tal-bniedem	161 633 821	163 633 821	2 000 000
21 02 07 04	L-ikel u s-sigurtà tan-nutrizzjoni u l-agrikoltura sostenibbli	187 495 232	189 495 232	2 000 000
21 02 07 05	Il-migrazzjoni u l-ażil	45 257 470	57 257 470	12 000 000
22 02 01 01	Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	188 000 000	190 000 000	2 000 000
22 02 01 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	326 960 000	327 960 000	1 000 000
22 02 03 01	Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	240 300 000	255 300 000	15 000 000
22 02 03 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-acquis tal-Unjoni	321 484 000	340 484 000	19 000 000
22 04 01 01	Pajjiżi Mediterranji — governanza tajba, drittijiet tal-bniedem u mobilità	135 000 000	144 000 000	9 000 000
22 04 01 02	Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	636 900 000	640 900 000	4 000 000
22 04 01 03	Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	116 000 000	131 000 000	15 000 000
22 04 01 04	Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA)	272 100 000	290 100 000	18 000 000
22 04 02 03	Sħubija tal-Lvant — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	8 000 000	9 300 000	1 300 000
22 04 03 03	Sostenn lil kooperazzjoni multinazzjonali fil-viċinat — Programm "umbrella"	189 500 000	193 500 000	4 000 000
23 02 01	Konsenja ta' għajjnuna umanitarja u għajjnuna alimentari rapidi, effikaċi u bżonnjużi	1 035 818 000	1 061 821 941	26 003 941
	<b>Total</b>			<b>132 303 941</b>

B'konsegwenza ta' dan, u wara li jitqiesu l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell ta' impenji maqbul huwa stabbilit għal EUR 9 167,0 miljun, mingħajr ebda marġini taħt il-limitu massimu tal-infiq tal-intestatura 4 u l-mobilizzazzjoni ta' EUR 24,0 miljun permezz tal-Istrument ta' Flessibilità.

## **Intestatura 5**

L-għadd ta' karigi fl-organigrammi tal-Istituzzjonijiet u l-approprijazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit (AB), kif emendat mill-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016 huma approvati, b'dawn l-eċċezzjonijiet:

- Il-Parlament Ewropew, li għalih il-qari hu approvat, b'tnaqqis ta' 9 karigi;
- Il-Kunsill, li għalih il-qari hu approvat,
- Il-Qorti tal-Ġustizzja, vl-għoti ta' 7 karigi addizzjonali (+ EUR 300 000);
- Il-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Komitat tar-Regġuni, li għalihom il-qari tal-Parlament Ewropew hu approvat.

Fis-26 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni mistennija tapprova r-rapport fuq l-impatt baġitarju tal-aġġornament salarjali tal-2015, li ser ikollu effett retroattiv sa mill-1 ta' Lulju 2015 fuq ir-remunerazzjonijiet tal-istaff tal-istituzzjonijiet tal-UE kollha u fuq il-pensjonijiet.



B'konsegwenza ta' dan, u wara li jitqiesu l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, il-livell ta' impenji maqbul huwa stabbilit għal EUR 8 935.2 miljun, li jħalli marġini ta' EUR 547,8 miljun taħt il-limitu massimu tal-infiq tal-intestatura 5.

### **Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea**

L-appropriazzjonijiet ta' impenn huma stabbiliti fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendati permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016, inkluża l-mobilizzazzjoni ta' EUR 50 miljun tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għall-ħlas tal-avvanzi.

#### **1.4. Appropriazzjonijiet ta' Pagament**

Il-livell globali ta' appropriazzjonijiet ta' pagament fil-baġit tal-2016 huwa stabbilit fl-ammont ta' EUR 143 885,3 miljun, inklużi EUR 832,8 miljun relatati mal-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità.

It-tqassim tal-appropriazzjonijiet ta' pagament huwa stabbilit fil-livell propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendat permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016, li jintegraw l-aġġustamenti li ġejjin miftiehma fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni:

1. L-ewwelnett, qed jittieħed kont tal-livell tal-appropriazzjonijiet ta' impenji miftiehem għan-nefqa mhux differenzjata, li għaliha l-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament huwa ugwali għal-livell ta' impenji; L-istess japplika għall-aġenziji deċentralizzati, li l-kontribuzzjoni tal-UE għalihom fl-appropriazzjonijiet ta' pagament hija stabbilita fil-livell propost fit-Taqsima 1.2 hawn fuq. L-effett ikkombinat hu tnaqqis ta' EUR 140,0 miljun;
2. L-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-proġetti pilota u għall-azzjonijiet preparatorji *għodda* kollha huma stabbiliti fil-livell ta' 50% tal-appropriazzjonijiet ta' impenn korrispondenti jew fil-livell propost mill-Parlament jekk ikun aktar baxx. Fil-każ ta' estensjoni tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji *eżistenti*, il-livell ta' pagamenti huwa dak definit fl-Abbozz ta' Baġit flimkien ma' 50% tal-impenji għodda korrispondenti, jew il-livell propost mill-Parlament jekk ikun aktar baxx. L-effett ikkombinat hu tnaqqis ta' EUR 29,5 miljun;

3. In-nefqa tal-approprijazzjonijiet ta' pagament tnaqqsu b'EUR 460,1 miljun kif jidher:

f'EUR

Linja baġitarja	Isem	AB 2016 (inkl. IE 1&2)	Baġit 2016	Differenza
02 05 01	Żvilupp u forniment ta' infrastrutturi u servizzi globali tar-radjunavigazzjoni bis-satellita (Galileo) sal-2020	308 000 000	297 000 000	-11 000 000
02 05 02	Forniment ta' servizzi b'bażi satellitari b'titjib tal-prestazzjoni tal-GPS biex gradwalment ikun kopert ir-reġjun kollu tal-Konferenza Ewropea tal-Avjazzjoni Ċivili (ECAC) sal- 2020 (EGNOS)	215 000 000	207 000 000	-8 000 000
02 05 51	Tlestija ta' programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)	17 000 000	16 000 000	-1 000 000
02 06 01	It-twassil ta' servizzi operazzjonali li jistrieħu fuq osservazzjonijiet mill-ispazju u data in situ (Copernicus)	125 000 000	121 000 000	-4 000 000
02 06 02	Il-bini ta' kapaċità awtonoma tal-osservazzjoni tad-Dinja mill-Unjoni (Copernicus)	475 000 000	459 000 000	-16 000 000
04 02 19	Tlestija tal-Fond Soċjali Ewropew — Kompetittività reġjonali u impjiegi (2007 sa 2013)	1 130 000 000	1 109 595 811	-20 404 189
04 02 61	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	930 000 000	927 965 850	-2 034 150
04 02 62	Fond Soċjali Ewropew — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	2 200 000 000	2 178 091 258	-21 908 742
04 02 63 01	Fond Soċjali Ewropew — Assistenza teknika operazzjonali	12 000 000	7 200 000	-4 800 000
05 04 05 01	Programmi ta' żvilupp rurali	3 268 000 000	3 235 000 000	-33 000 000
05 04 60 01	Promozzjoni ta' żvilupp rurali sostenibbli, aktar bilanċjat territorjalment u ambjentalment, settur agrikolu tal-Unjoni aktar favorevoli għall-klima u innovattiv	8 574 000 000	8 487 000 000	-87 000 000
13 03 18	Tlestija tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kompetittività reġjonali u impjiegi	2 345 348 000	2 302 998 509	-42 349 491
13 03 61	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni fi tranżizzjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	1 863 122 000	1 860 036 800	-3 085 200
13 03 62	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Reġjuni aktar żviluppati — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	2 775 630 000	2 750 605 336	-25 024 664
13 03 64 01	Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Kooperazzjoni Territorjali Ewropea	328 430 000	284 930 000	-43 500 000
13 03 65 01	Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) — Assistenza Teknika operattiva	66 215 941	57 415 941	-8 800 000
13 03 66	Fond Ewropew għall- Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)— Azzjonijiet ta' innovazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp urban soste- nibbli	53 149 262	48 649 262	-4 500 000
13 04 01	Tlestija tal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni (ta' qabel l-2007)	90 000 000	70 000 000	-20 000 000
13 04 60	Fond ta' Koeżjoni — Investiment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi	4 100 000 000	4 077 806 436	-22 193 564

13 04 61 01	Fond ta' Koeżjoni — Assistenza teknika operazzjonali	22 106 496	20 606 496	-1 500 000
32 05 01 02	Kostruzzjoni, operazzjoni u sfruttar tal-faċilitajiet ITER — Impriża Konġunta Ewropea għal ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E)	150 000 000	131 000 000	-19 000 000
32 05 51	Tlestija tal-Impriża Konġunta Ewropea ITER — Fużjoni għall-Enerġija (F4E) (2007 sa 2013)	350 000 000	289 000 000	-61 000 000
	<b>Total</b>			<b>-460 100 000</b>

4. Il-livell kombinat ta' approprjazzjonijiet ta' pagament stabbilit fil-paragrafi 1-3 aktar 'il fuq hu ta' EUR 570,6 miljun anqas minn dak propost mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit tagħha, kif emendat permezz tal-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016 għall-partiti tan-nefqa kkonċernati.

### 1.5. Kummenti baġitarji

Hemm qbil fuq l-emendi introdotti mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill lit-test tal-kummenti baġitarji, sakemm dawn ma jimmodifikawx jew jestendu l-ambitu ta' bażi ġuridika eżistenti, ma jkollhomx effett fuq l-awtonomija amministrattiva tal-istituzzjonijiet, jikkawżaw diffikultajiet operazzjonali jew ma jkunux jistgħu jiġu koperti minn riżorsi disponibbli (hekk kif indikat fl-anness tal-ittra ta' eżegwibilità).

### 1.6. Linji baġitarji ġodda

Ħlief jekk indikat mod ieħor fil-konklużjonijiet konġunti li qabel fuqhom il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jew miftiehem b'mod konġunt miż-żewġ ferġat tal-awtorità baġitarja fil-qari rispettiv tagħhom, in-nomenklatura baġitarja kif proposta mill-Kummissjoni fl-Abbozz ta' Baġit, kif emendata mill-Ittri Emendatorji 1 u 2/2016 ser tibqa' kif inhi, bl-eċċezzjoni ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji u l-frid tal-artikolu 18 04 01 Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej f'żewġ partiti: 18 04 01 01 Ewropa għaċ-Ċittadini — Tisħiħ tal-kommemorazzjoni u t-titjib tal-kapaċità għall-parteċipazzjoni ċivika fil-livell tal-Unjoni u 18 04 01 02 Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.

## 2. Baġit 2015

L-Abbozz ta' Baġit Emendatorju 8/2015 huwa aċċettat kif propost mill-Kummissjoni

### **3. Dikjarazzjonijiet konġunti**

#### **3.1. Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażaġh jibqa' prijorità politika għolja u kondiviża, u għal dan l-għan huma jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tagħhom li jagħmlu l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi baġitarji disponibbli biex dan jiġi indirizzat, u b'mod partikolari l-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI).

Huma jfakkru li, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 *"Il-marġini li għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli barra mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażaġh"*.

Fil-qafas tar-rieżami/reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP, il-Kummissjoni ser tiset tagħlimiet mir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ, akkumpanjat, kif xieraq, minn proposti għall-kontinwazzjoni tal-inizjattiva sal-2020.

Il-Kunsill u l-Parlament jimpenjaw ruħhom li b'ħeffa, jeżaminaw il-proposti mressqa mill-Kummissjoni f'dan ir-rigward."

#### **3.2. Dikjarazzjoni konġunta dwar previżjoni tal-pagamenti għall-2016-2020**

"Filwaqt li jibnu fuq il-ftehim eżistenti dwar pjan ta' pagamenti għall-2015-2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jirrikonoxxu l-passi meħuda biex gradwalment titneħħa l-akkumulazzjoni ta' talbiet għall-pagamenti pendenti mill-programmi ta' koeżjoni 2007-2013, u biex jitjieb il-monitoraġġ ta' kwalunkwe akkumulazzjoni ta' kontijiet mhux imħallsa fl-intestaturi kollha. Huma jtenu l-impenn tagħhom biex jiġi evitat akkumulu simili ta' xogħol b'lura fil-futur, inkluż permezz tat-twaqqif ta' sistema ta' twissija bikrija.

Matul is-sena, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser jissorveljaw b'mod attiv l-istat ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-2016, f'konformità mal-pjan ta' pagamenti maqbul; b'mod partikolari l-appropriazzjonijiet provduti fil-baġit għall-2016 ser jippermettu lill-Kummissjoni li tnaqqas l-akkumulazzjoni ta' talbiet għal pagamenti pendenti fi tmiem is-sena għall-programmi ta' koeżjoni 2007-2013 għal-livell ta' madwar EUR 2 biljun sat-tmiem l-2016.

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ser ikomplu jieħdu rendikont tal-implimentazzjoni ta' pagamenti u l-previżjonijiet aġġornati f'laqgħat interistituzzjonali speċifiċi, f'konformità mal-Punt 36 tal-Anness għall-Ftehim Interistituzzjonali, li għandhom isiru tal-anqas tliet darbiet fl-2016 fil-livell politiku."

F'dak il-kuntest, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni jfakkru li dawn il-laqgħat għandhom jindirizzaw ukoll il-previżjonijiet fit-tul dwar l-evoluzzjoni mistennija tal-

pagamenti sa tmiem il-QFP 2014-2020.

### 3.3. Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tal-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali

Il-Parlament Ewropew huwa impenjat biex ikompli jnaqqas l-għadd totali ta' karigi fl-organigramma tiegħu u jtemm dan il-proċess sal-2019, skont l-iskeda ta' żmien li ġejja, filwaqt li jqis li se jsir tnaqqis nett ta' 18-il kariga fl-2016:

*Tnaqqis nett annwali fl-għadd totali ta' karigi awtorizzati fl-organigramma tal-Parlament Ewropew meta mqabbel mas-sena ta' qabel*

Tnaqqis pendenti sabiex tintlaħaq il-mira ta' 5 % <sup>1</sup>	2017	2018	2019	2017-2019
179	-60	-60	-59	-179

---

<sup>1</sup> Il-Parlament Ewropew jikkunsidra li l-kamp ta' applikazzjoni tat-tnaqqis ta' 5 % jeskludi karigi temporanji tal-gruppi politiċi identifikati fl-organigramma tiegħu.